L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 20 ta' Dicembru, 2003

**<u>Minn Brobdingnag ghal Lilliput</u>**

Il-Gimgha li ghaddiet bdejt nitkellem dwar x'effetti se jhalli l-*budget* li ghadda fuq il-livell ta' ghajxien tal-Maltin bi dhul medju. Nemmen li huwa suggett interessanti li wiehed gahndu jitkellem dwaru u li jintqal kemm jintqal qatt ma huwa bizzejjed. Hsibt fil-fond dwar l-effetti immedjati u dawk inqas immedjati tal-linja politika u fiskali li qabad il-gvern fil-qasam tal-proprejtà u nemmen li l-ebda kelma jew kumment m'huma zejda ghax il-proprjetà tirrapprezenta proprju d-dar tac-cittadin. Tirrapprezenta dik li bl-Ingliz tissejjah "*home*" u li hija l-bazi tas-socjetà taghna(l-izghar nukleu socjali); tirrapprezenta l-privatezza ta' kull familja, l-istatus socjali u s-successi ekonomici tal-familja kif ukoll l-akbar investiment li jaghmlu matul hajjithom hafna mic-cittadini. S'issa l-proprjetà kienet verament l-iktar pediment ekonomiku sod li wiehed jista' jinvesti fih.

Izda taht amministrazzjoni Nazzjonalista li issa ilha maghna ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena dak li qabel konna nitkellmu fuqu bhala *housing estates* jew *social housing* u li gvernijiet Laburisti kienu tellghu f'kull belt u rahal ilhom jitnaqqru. Verzjoni iktar moderna tal-*housing estates* imbaghad kienet it-tqassim ta' plots shah ghal koppji zghazagh biex fuqhom ikunu jistghu jibnu darhom. Kien hemm u ghad hemm diversi inizjattivi u gahjnuniet anke ghal dawk li ghandhom proprjetajiet taghhom biex permezz ta' sussidji mill-gvern ikunu jistghu jghixu hajja aktar dicenti li tirrispetta d-dinjità taghhom. Ftit ftit kollox qeghdin naraw itir mar-rih taht tmexxija Nazzjonalista.

U ghal dawk li ghadhom s'issa jippruvaw jifhmu fejn hu Brobdingnag ma nlumhomx. Brobdingnag m'hijiex hlief belt li zar Lemuel Gulliver fil-ktieb maghruf ta' Jonathan Swift. Brobdingnag hija dik l-art li Gulliver zar fejn l-abitanti kienu ferm ikbar minn bniedem normali u fejn Gulliver kien nanu zghir. U nies kbar kienu joqoghdu go djar kbar.

Il-Maltin kollha li rnexxilhom jottjenu artijiet kbar, per ezempju bi cnus ta' Lm55 fis-sena minghand Gvernijiet Laburisti, illum il-gurnata bnew djar kbar li jiswew eluf tal-liri. Il-flus li ffrankaw mix-xiri ta' l-art uzawhom fuq l-edukazzjoni ta' wliedhom u biex jghammru djarhom u jsebbhuhom. Dawn l-istess nies ma jridux jinsew li kien biss minhabba dan il-fattur li minn tfal tal-haddiema tal-klassi l-baxxa telghu ghall-klassi tan-nofs. Id-djar kbar li jghixu go fihom – ferm ikbar milli ghandhom bzonn biex irabbu familja – sincerament ifakkruni fi Brobdingnag.

U huwa hawnhekk fejn jista' jfalli s-Socjalizmu! Ghax is-Socjalizmu meta jirnexxi zzejjed ifalli! U hekk gara fil-kaz ta' pajjizna. Nies li ftit li xejn kien ikollhom mezzi biex jiitlghu skaluna wara l-ohra tas-sellum socjali u li gew imtella' 'l fuq minn Gvernijiet Laburisti – mill-klassi t'isfel telghu ghall-klassi tan-nofs jekk mhux ghall-klassi ta' fuq minhabba sostenn li pprovditilhom is-sistema ta' *social welfare* ta' Gvernijiet Laburisti. Malli dawn l-istess nies saru nies tal-faxxa ta' fuq (grazzi ghal *housing* b'xejn, edukazzjoni b'xejn, servizzi tas-sahha b'xejn u *children's allowance*) insew l-origini taghhom u bdew jassocjaw ruhhom mal-klassi kapitalista. Is-success sfrenat tas-Socjalizmu jista' jsarraf f'kontribut lill-kapitalizmu. F'dan is-sens teoretiku z-zerriegha tal-qerda tas-Socjalizmu tinsab fis-success tieghu. U s-success tas-socjalizmu jghin lill-kapitalizmu jikber.

Meta niftakar f'hafna djar kbar li dhalt fihom qabel l-elezzjoni generali fuq id-distrett tieghi – distrett li gahndu l-ikbar maggoranza Nazzjonalista – nikkonferma ghal darb'ohra din it-tezi. Hafna wlied tal-haddiema li rnexxielhom jottjenu *housing* tal-Gvern Laburista dak iz-zmien ivvutaw ghal gvernijiet Nazzjonalisti gahx emmnu li m'humiex tal-faxxa ta' taht.

Sfortunatament però, issa, nemmen li wasal iz-zmien li l-process storiku kollu se jibda jimxi lura. Ghal madwar 30, 40 sena l-familji Maltin bnew gebla fuq ohra. Kien hemm generazzjoni fqira li permezz ta' ghajnuniet mill-istat setghet ittella' lit-tfal taghha f'ambjent dicenti (ghalkemm forsi mhux f'kumdità tal-miljunarji). Minn dawn in-nies min qaghad bil-ghaqal tela' skaluna fis-socjetà u assikuraw xoghol b'paga gholja ghal uliedhom, ghajnuna finanzjarja anke ghal meta gew biex jizzewgu l-istess ulied u ghal wara mewthom irnexxielhom ukoll jahdmu xi bicca art jew it-titolu ta' propjetà ghall-inqas ta' fejn joqoghdu biex it-tfal ikollhom x'jirtu. Dan hu mod kif it-tajjeb ta' gvern jintiret minn generazzjoni gahl ohra.

Izda sfortunatament wara 20 sena ta' gvern Nazzjonalista (li rnexxielu jonfoq il-flus tal-pajjiz u jitfaghna f'dejn enormi) – mhux talli bil-mod il-mod din il-generazzjoni qieghed jitnaqqrilha bil-ftit il-ftit fuq bazi personali dak li kienet gemmghet taht Gvernijiet Laburisti, izda talli ghada pitghada r-rotta tinqaleb u flok ma fit-testmenti jibdew jithallew il-flejjes u l-artijiet, jibdew jithallew ftit jew xejn flejjes u artijiet. Nisperaw biss li ma jibdewx jithallew ukoll id-djun – li huma wkoll possibbli.

Hekk kif il-gid jista' jintiret u joktor minn generazzjoni gahl ohra hekk ukoll jintiret u joktor l-ghaks minn generazzjoni ghal ohra. Dak li ghandu biex jghix komdu hu ghandu biex jghajjex komdi lil uliedu. Dak li m'ghandux biex jghix komdu hu ahseb u ara kemm ghandu biex jghajjex komdi lil uliedu.

Huwa dan li verament ibezzaghni fit-triq li qabad il-*welfare state* f'pajjizna. Dan wahdu huwa bizzejjed biex jitfa' lil poplu shih fit-triq tan-nizla. Flok palazzo kbar bhal djar li ra Gulliver fi Brobdingnag il-Maltin bil-ftit il-ftit jibdew joqoghdu fid jar frerm izghar bhal ma ra l-istess Gulliver f'Lilliput.

Hemm hafna fenomeni ohra relatati ma' dak li jista' jikkontribwixxi ghat-triq tan-nizla finanzjarja tal-poplu Malti. L-ewwelnett iktar taxi, iktar hlasijiet ghal servizzi ta' sahha, edukazzjoni ecc kif ukoll il-fatt li l-Maltin se jigu f'kompetizzjoni diretta mal-barranin fil-prezzijiet li jhallsu ghall-proprjetà taghhom. *Housing* socjali dejjem jonqos u fl-ahhar mill-ahhar ghad ukoll titnehha l-protezzjoni fuq il-kirjiet antiki li tant ghenet familji Maltin ohra jghixu hajja dicenti iktar milli qatt setghu jaghmlu minghajr l-ghajnuna tal-gvern. Dan kollu fuq sfond tal-qghad dejjem jikber u hwienet u negozji sejrin hazing. U hemm hu l-kolass tas-sistema kollha ghalija u ghalik!

M anhossx li qieghda nkun negattiva jew pessimista, izda realista. Xi haga li dejjem iddubitajt huwa jekk jintlahaqx qbil dwar il-Kostituzzjoni Ewropea. L-ewwel artiklu tieghifuq dan il-gurnal iktar minn tliet snin ilu kien jismu "Pseudo-Ewropejizmu?" u kien ippubblikat fis-17 ta' Marzu, 2000 u t-tieni artiklu kien igib l-isem ta' "Liema Unjoni?" Fihom kont tfajt dubju fuq kemm l-Unjoni tista' tibqa' l-istess entità politika soda li kienet s'issa wara t-tkabbir grottesk li holqot hi stess.

Il-fallimenti tal-Konferenza Intergovernattiva ta' gimaghtejn ilu tani ragun. Certi affarijiet fl-ekonomija tal-pajjiz jew entità politika m'hemmx bzonn tkun xi Nostradamus biex tarahom u xi kultant ghalxejn tittama zzejjed. B'dan l-istess argument ghalhekk nispera li l-poplu Malti ma jittamax izzejjed li jikkompeti mal-barrani fejn jidhlu l-prezzijiet tal-proprjetà u lanqas li xi darba s-servizzi socjali li qed jitnaqqru se jergghu jizdiedu taht amministrazzjoni Nazzjonalista. U lanqas, bl-istess mod, m'ghandhom jittamaw li l-gvern Nazzjonalista se jinbidel ghax il-hanzir taqtaghlu denbu hanzir jibqa'.